IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 10.4.2008
COM(2008) 8 finali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

Li jemenda r-Regolament (KE) Nru 866/2004 dwar reġim taħt l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 għall-Att ta' l-Adeżjoni rigward ir-regoli dwar il-prodotti, is-servizzi u l-persuni li jaqsmu l-Linja l-Ħadra f'Ċipru

(ippreżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skond ir-Regolament Nru 866/2004, il-Kunsill stabbilixxa reġim taħt l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 għall-Att ta' l-Adeżjoni 2003, li jipprevedi regoli speċjali f'dak li għandu x'jaqsam ma' merkanzija, servizzi u persuni li jaqsmu l-linja bejn dawk iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv u dawk iż-żoni fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv.

Fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament u l-emendi sostanzjali preċedenti (ir-Regolament tal-Kunsill Nru 293/2005), jeħtieġ li jissaħħu r-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali fuq il-gżira. Għal dan il-għan, id-dazji fuq il-prodotti agrikoli li joriġinaw miż-żoni fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv ġeneralment għandhom jitneħħew. S'issa, tneħħew biss id-dazji fuq il-frott taċ-ċitru bir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1624/2005. Fil-futur, din il-proċedura kkumplikata tista' tiġi evitata. Biex dan ikun jista' jsir, huwa propost li tissaħħaħ il-klawsola ta' salvagwardja tar-Regolament.

Hemm ukoll il-bżonn li tiġi regolata b'mod trasparenti l-importazzjoni temporanja tal-merkanzija (għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur) minn dawk iż-żoni fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv għal dawk iż-żoni fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv. L-ewwel, dan għandu l-għan li jinkoraġġixxi l-provvista tas-servizzi, fuq iż-żewġ naħat tal-linja, minn kumpaniji stabbiliti fiż-żoni fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv billi jippermettilhom jidħlu bit-tagħmir tagħhom. It-tieni, għandu jiffaċilita l-parteċipazzjoni ta' dawn il-kumpaniji f'fieri kummerċjali jew f'avvenimenti simili fiż-żoni fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv. It-tielet, il-prodotti maħsuba biex jissewwew fiż-żoni fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv għandhom jitħallew jaqsmu l-linja. Għandha tiġi pprovduta evidenza raġonevoli li d-dħul ta' tali prodotti sseħħ fuq bażi temporanja. L-emendi proposti jantiċipaw li l-modalitajiet tad-dħul temporanju jistgħu jkunu regolati b'dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni. Fil-prattika, ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1480/2004 ser jiġi rivedut ftit wara l-adozzjoni tal-proposta għal Regolament li jemenda d-dispożizzjonijiet attwali.

Fl-aħħarnett, il-valur totali tal-prodotti fil-bagalji personali ta' l-individwi li jaqsmu l-linja għandu jiżdied sostanzjalment minn 135 € għal 260 € biex ikun inkuraġġit l-iżvilupp ekonomiku taż-żoni fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

Li jemenda r-Regolament (KE) Nru 866/2004 dwar reġim taħt l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 għall-Att ta' l-Adeżjoni rigward ir-regoli dwar il-prodotti, is-servizzi u l-persuni li jaqsmu l-Linja l-Ħadra f'Ċipru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll 10 dwar Ċipru għall-Att ta' Adeżjoni 2003[1], u partikolarmet l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll 3 dwar iż-Żoni ta' Bażi ta' Sovranità tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ġewwa Ċipru[2] ta' l-imsemmi Att ta' Adeżjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar reġim taħt l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 għall-Att ta' Adeżjoni[3] jistabbilixxi regoli speċjali f'dak li għandu x'jaqsam ma' merkanzija, servizzi u persuni li jaqsmu l-linja bejn iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv u dawk iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv.

(2) Fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament u l-emendi preċedenti, jeħtieġ li jissaħħu r-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali fuq il-gżira,

(3) Għal dan il-għan, id-dazji fuq il-prodotti agrikoli li joriġinaw miż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv ġeneralment għandhom jitneħħew. Biex dan ikun jista' jsir, il-klawsola ta' salvagwardja tar-Regolament (KE) Nru 866/2004 jeħtieġ li tissaħħaħ.

(4) Għandu jiġi rregolat id-dħul temporanju tal-merkanzija miż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv għaż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv, sabiex tkun inkoraġġita l-provvista ta' servizzi, fuq iż-żewġ naħat tal-linja, minn kumpaniji stabbiliti fiż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv u sabiex tkun faċilitata l-parteċipazzjoni ta' dawn il-kumpaniji f'fieri kummerċjali jew f'avvenimenti simili f'żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fiż-żoni fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv. Barra dan, il-prodotti maħsuba biex jissewwew fiż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv għandhom jitħallew jaqsmu l-linja.

---

1 ĠU L 236, 23.9.2003, p. 955.
2 ĠU L 236, 23.9.2003, p. 940.
3 ĠU L 161, 30.4.2004, p. 128, verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 206 tad-9.6.2004, p. 51, ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1283/2005 (ĠU L 203, 4.8.2005, p.8).

(5) Għandha tiġi pprovduta evidenza raġonevoli li d-dħul ta' tali prodotti sseħħ fuq bażi temporanja. L-awtroitajiet doganali tar-Repubblika ta' Ċipru jew l-awtoritajiet taż-Żona tal-Bażi Sovrana tal-Lvant jistgħu jitolbu garanzija biex ikopru kwalunkwe pretensjonijiet doganali jew fiskali potenzjali jekk ċerti merkanziji introdotti b'mod temporanju ma jerġgħux lura fiż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv.

(6) Fil-każ tal-persuni li jaqsmu l-linja miż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv għaż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern jeżerċita kontroll effettiv għandu jiġi ċċarat li l-oġġetti personali tagħhom jiġu kkunsidrati dikkjarati għal-dħul temporanju. L-istess japplika għall-mezzi tat-trasport.

(7) Il-valur totali fil-bagalji personali tal-persuni li jaqsmu l-linja miż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv għaż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn dan il-Gvern jeżerċita kontroll effettiv jeħtieġ li jiżdied sostanzjalment biex ikun inkoraġġit l-iżvilupp ekonomiku fiż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv,

(8) Ir-Regolament (KE) Nru. 866/2004 għandu għaldaqstant jiġi emendat skond il-każ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 866/2004 għandu b'dan ikun emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2 hu sostitwit b' li ġej:

'2. Il-prodotti msemmija f'paragrafu 1 m'għandhomx ikunu suġġett għal dikjarazzjoni doganali. M'għandhomx ikunu suġġett għal dazji doganali jew għal ħlas b'effett ekwivalenti. Sabiex ikunu żgurati l-kontrolli effettivi, il-kwantitajiet li jaqsmu l-linja għandhom ikunu rreġistrati.'

2. L-Artikolu 4a li ġej huwa mdaħħal:

'Artikolu 4a

L-importazzjoni temporanja tal-prodotti

1. Bl-eċċezzjoni tal-prodotti li huma suġġetti għal ħtiġiet veterinarji u fitosanitarji, il-prodotti li ġejjin jistgħu jiġu importati b'mod temporanju miż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv għaż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipra jeżerċita kontroll effettiv:

   (a) oġġetti personali tal-persuni li jaqsmu l-linja meħtieġa b'mod raġonevoli għall-vjaġġ u oġġetti għal raġunijiet sportivi;

   (b) mezzi ta' trasport;

   (c) tgħamir professjonali;

   (d) oġġetti intiżi għat-tiswija;

   (e) prodotti biex jiġu eżibiti jew użati f'avveniment pubbliku.

2. Il-prodotti msemmija f'paragrafu 1 jistgħu jiddaħħlu għal perjodu ta' mhux aktar minn sitt xhur.

3. Il-prodotti msemmija f'paragrafu 1 m'għandhomx bżonn jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(1).

4. Fil-każ li l-oġġetti msemmija f'paragrafu 1 ma jerġgħux lura fiż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv wara l-iskadenza tal-perjodu awtorizzat għall-importazzjoni temporanja pprovdut taħt paragrafu 2, dawn għandhom ikunu suġġetti għal konfiskazzjoni mill-awtoritajiet doganali tar-Repubblika ta' Ċipru.

5. Għall-importazzjoni temporanja tal-prodotti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, l-Artikoli 229, 232, 579 u 581 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2454/93[4] għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Għall-importazzjoni temporanja ta' l-oġġetti msemmija f'punti (c), (d) u (e) ta' paragrafu 1, għandha tiġi segwita din il-proċedura:

(a) Il-prodotti għandhom ikunu akkompanjati minn dikjarazzjoni tal-persuna li timportahom billi ssemmi l-għan ta' l-importazzjoni temporanja u billi tforni d-dokumentazzjoni ta' sostenn, kif xieraq, li tagħti evidenza raġonevoli li l-oġġetti kollha jaqgħu taħt waħda mit-tliet kategoriji elenkati f'punti (c), (d) u (e) tal-paragrafu 1.

(b) Il-prodotti għandhom ikunu rreġistrati mill-awtoritajiet doganali tar-Repubblika ta' Ċipru jew mill-awtoritajiet taż-Żona tal-Bażi Sovrana tal-Lvant meta jidħlu fi u joħorġu miż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jeżerċita kontroll effettiv jew iż-Żona tal-Bażi Sovrana tal-Lvant.

(c) L-awtoritajiet doganali tar-Repubblika ta' Ċipru u l-awtoritajiet taż-Żona tal-Bażi Sovrana tal-Lvant jistgħu jagħmlu importazzjonijiet temporanji tal-prodotti bil-kundizzjoni li tingħata garanzija biex jiġi żgurat li kwalunkwe pretensjonijiet doganali jew fiskali li jistgħu jkunu dovuti fir-rigward ta' dawn il-prodotti jitħallsu.

6. Il-Kummissjoni tista' tadotta r-regoli speċifiċi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 4(12).'

3. Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 u l-paragrafu 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

'1. Id-Direttiva tal-Kunsill 69/169/KEE(*) u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) 918/83 m'għandhomx japplikaw, iżda l-prodotti fil-bagalji personali ta' persuni li jaqsmu l-linja għandhom ikunu eżentati mit-taxxa tad-dawran u mis-sisa kif ukoll mid-dazji fuq l-importazzjoni sakemm ma għandhom ebda karattru kummerċjali u sakemm il-valur totali tagħhom ma jiskorrix EUR 260 għal kull persuna.

2. Il-limiti massimi għall-eżenzjonijiet mit-taxxa tad-dawran u mis-sisa kif ukoll mit-taxxa fuq l-importazzjoni għandhom ikunu ta' 40 sigarett u ta' litru ta' spirti għall-konsum personali.'

(*) ĠU L 133, 4.6.1969, p. 6.'

4. Fl-Artikolu 11(4), it-tieni sentenza hi ssostitwita b'dan li ġej:

---

[4] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 jesiġi d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabilixxi il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1). Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 883/2005 (ĠU L 148, 11.6.2005, p. 5).

Fil-każ ta' emerġenzi oħra, partikolarment dawk ikkawżati minn irregolaritajiet, distorzjonijiet kummerċjali jew frodi, jew fejn iqumu ċirkostanzi eċċezzjonali oħrajn li jirrikjedu azzjoni immedjata, il-Kummissjoni tista', f'konsultazzjoni mal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru, tapplika minnufih miżuri li jkunu assolutament neċessarji biex is-sitwazzjoni tkun rimedjata.'

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]